# ĊEKOSLOVAKKJA

## AMANTE BUONTEMPO

Riħ fuq-il-Lvant, minn fejn ġej riesaq lejja,
tolqotli 'l qalbi b'nebħietek battala?
Għax qed tonfoħli dal-biża' f'widnejja
ta' gwerra oħra li forsi m'hemmx bħalha?

Ċekoslovakkja b'qawwietha mudlama,
li waqfet siekta lill-Kremlin li jista',
żgur ma tħallix illi jibqa' fil-għama
min jerġa' lura minn art komunista.

Qawwiet armati tal-Patt ta' Varsavja
għad joqtlu l-iġsma ta' nies l-aktar ħajja;
imm'int tiktibli fis-skiet l-akbar glorja
tan-nies bla biża' li ħażżu dil-ġrajja.

M'għandekx għalfejn tibgħat ittri w telegrafi,
ja Riħ li titlaq minn Praga bil-ħrara;
iżda semmagħli dan-noti t'epigrafi,
li l-elettronju tal-qlub ma jafx jara.

Halli lid-dinja tal-blokki meħlusa,
li int twasslilna l-messaġġi f'isimha,
tgħid 'l-art taċ-Ċeki w Slovakki mirfusa
li f'tagħna bħalhom hemm għajb li jaħkimha.

Hawnhekk niġġieldu biex forsi jtejbuna,
hemmhekk imutu biex jgħixu fis-sliema:
Ċekoslovakkja w Irlanda juruna
li għalli ġej m'hemmx ħelsien għall-ħaddiema.

Għadhom l-istrajks fl-Oċċident jagħmlu ħerba,
kif għadhom jgħammru fil-Lvant l-aqwa lsiera:
Ma' kullimkien dak li jdejjaq kull darba
m'hux ħlief il-fdal ta' xi ħaqq bla bandiera.

Reġġa' fil-Lvant, ja bassar kollox hieni,
L-aħjar tifsira tas-sliem li twassalha:
u iknes l-għabra tal-iswed ġejjieni,
li jiġi qabel is-skiet tal-Kbir Alla.

Dejjem jobduk qlub bħal Dubċek li juri
kemm huma rari fuq l-art nies setgħana,
huma wkoll vittmi ta' setgħa w unuri,
għad illi dejjem mill-gwerer beżgħana.

Inti wkoll tagħżel il-liġi li tħares,
bħal m'inti mqanqal mill-'jien' li jkun falla:
aħna wlied ħielsa lebsin ta' qaddejja,
meta nintrabtu mal-liġi ta' Alla.

*(Maqluba mit-Taljan tiegħi stess tal-25 ta' Awissu, 1969).*